KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fid-29 ta’ Novembru 2017[1]

**Kawża C-518/16**

**“ZPT” AD**
**vs**
**Narodno sabranie na Republika Bulgaria,**
**Varhoven administrativen sad,**
**Natsionalna agentsia za prihodite**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta’ Sofija, il-Bulgarija)]

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Regolament (KE) Nru 1998/2006 – Għajnuna *de minimis* – Artikolu 1(1)(d) – Għajnuna taħt il-forma ta’ vantaġġ fiskali – Investiment fil-manifattura ta’ prodotti intiżi għall-esportazzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi mill-benefiċċju ta’ vantaġġ fiskali l-investiment fil-manifattura ta’ prodotti intiżi għall-esportazzjoni – Artikolu 35 TFUE”

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal domanda preliminari preżenti, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta’ Ottubru 2016, mis-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta’ Sofija, il-Bulgarija), tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 35 TFUE u tal-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006, tal-15 ta’ Diċembru 2006, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87[2] u 88[3] tat-Trattat dwar l-għajnuna *de minimis* (iktar ’il quddiem, ir-“Regolament Nru 1998/2006”)[4] u l-validità ta’ din id-dispożizzjoni tal-aħħar fid-dawl tal-Artikolu 35 TFUE.

2. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta’ tilwima bejn “ZPT” AD (iktar ’il quddiem ir-“rikorrenti”) minn naħa, u n-Narodno sabranie na Republika Bulgaria (assemblea nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija), il-Varhoven administrativen sad (qorti amministrattiva suprema, il-Bulgarija) u n-Natsionalna agentsia za prihodite (aġenzija nazzjonali tad-dħul pubbliku, il-Bulgarija) (iktar ’il quddiem, meħuda flimkien, il-“konvenuti”) dwar avviż ta’ evalwazzjoni tat-taxxa indirizzat lir-rikorrenti għas-sena finanzjarja 2008.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Li sar l-Artikolu 107 TFUE.

3 Li sar l-Artikolu 108 TFUE.

4 ĠU 2006, L 379, p. 5. Ir-Regolament Nru 1998/2006 kien applikabbli, konformement mal-Artikolu 6 tiegħu, mill-1 ta’ Jannar 2007 sal-31 ta’ Diċembru 2013. Dan ir-regolament issostitwixxa lir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001, tat-12 ta’ Jannar 2001, dwar it-tħaddim tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna de minimis (ĠU 2001, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 138). Għall-applikazzjoni attwali tar-Regoli tat-Trattat FUE fuq l-għajnuna *de minimis*, ara r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013, tat-18 ta’ Diċembru 2013, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU 2013, L 352, p. 1). L-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 huwa kważi identiku għall-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1407/2013.

3. Permezz tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti talbet lill-qorti tar-rinviju sabiex tikkundanna *in solidum* lill-konvenuti għall-ħlas ta' danni abbażi tad-dannu materjali subit minnha u li jirriżulta mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-konvenuti, b'mod partikolari tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1998/2006.

4. Konformement mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser jiffokaw fuq id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju [5] li tirrigwarda l-validità, fid-dawl tal-Artikolu 35 TFUE, tal-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

5. L-Artikolu 34 TFUE jipprovdi:

"Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri."

6. L-Artikolu 35 TFUE jipprovdi:

"Restrizzjonijiet kwantitattiva fuq l-esportazzjoni u kull miżura li ghandha effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri."

7. L-Artikolu 36 TFUE jipprovdi:

"Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 34 u 35 inklużi m'għandhomx jeskludu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni, esportazzjoni jew transitu meta dawn ikunu ġustifikati abbażi ta' moralità pubblika, ordni pubbliku, sigurtà pubblika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' persuni jew ta' annimali, jew il-preservazzjoni tal-pjanti, il-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali. Madankollu dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m'għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri."

8. L-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98, tas-7 ta' Mejju 1998, dwar l-applikazzjoni [tal-Artikoli 107 u 108] tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali [6], intitolat "De minimis", jipprovdi:

"Il-Kummissjoni tista', permezz ta' regolament addottat skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, tiddeċiedi li, wara li kkunsidrat l-iżvilupp u l-funzjoni tas-suq komuni, ċertu għajnuna ma' tissodisfax il-kriterji kollha ta' l-Artikolu [107(1) TFUE] u li huma għalhekk eżentati mill-proċedura ta' notifika li hemm provduta fl-Artikolu [108(3) TFUE] basta li għajnuna mogħtija lill-istess intrapriża fuq perjodu ta' żmien mogħti ma' jeċċedix ċertu ammont fiss."

5 Ara t-tielet sentenza tat-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju u l-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

6 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 312. Il-bazi legali tar-Regolament Nru 994/98 huwa l-Artikolu 94 KE (li sar l-Artikolu 109 TFUE). Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li "skont l-Artikolu 109 TFUE, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jista' jagħmel kull regolament xieraq għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE u jista', b'mod partikolari, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom l-Artikolu 108(3) TFUE għandu japplika u l-kategoriji ta' għajnuna eżentati mill-proċedura prevista f'din l-aħħar dispożizzjoni", ara s-entenza tal-21 ta' Lulju 2016, Dilly's Wellnesshotel (C-493/14, EU:C:2016:577, punt 33). Ir-Regolament Nru 994/98 tħassar u ġie ssostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588, tat-13 ta' Lulju 2015, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali (ĠU 2015, L 248, p. 1). L-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 2015/1588 huwa kważi identiku għall-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 994/98.

9. Il-premessa 1 tar-Regolament Nru 1998/2006 tipprevedi:

"Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tistabbilixxi, permezz ta' regolament, livell li taħtu l-miżuri ta' għajnuna jitqiesu li ma jkunux jilħqu l-kriterji kollha ta' l-Artikolu [107(1) TFUE] u għalhekk ma jkunux jaqgħu taħt il-proċedura ta' notifika stipulata fl-Artikolu [108(3) TFUE]."

10. Il-premessa 6 tar-Regolament Nru 1998/2006 tipprevedi:

"Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-għajnuna de minimis ta' l-esportazzjoni jew għajnuna de minimis li tiffavorixxi prodotti domestiċi fuq dawk importati. B'mod partikolari, ma għandux japplika għal għajnuna li tiffinanzja t-twaqqif u t-tħaddim ta' netwerk ta' distribuzzjoni f'pajjiżi oħra. Għajnuna għal spejjeż ta' parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali, jew ta' studji jew servizzi ta' konsulenza meħtieġa għat-tnedija ta' prodott ġdid jew eżistenti f'suq ġdid normalment ma titqiesx li hija għajnuna għall-esportazzjoni."

11. Il-premessa 8 tar-Regolament Nru 1998/2006 tipprevedi:

"Fid-dawl ta' l-esperjenza tal-Kummissjoni, wieħed jista' jistabbilixxi li għajnuna li ma tkunx taqbeż limitu ta' EUR 200 000 fuq kull perjodu ta' tlett snin ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri u/jew ma ttellifx jew ma theddidx il-kompetizzjoni u għaldaqstant ma taqax taħt l-Artikolu [107(1) TFUE] […]"

12. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1998/2006, intitolat "Firxa ta' l-Applikazzjoni", jipprovdi:

"Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna mogħtija lill-intrapriżi fis-setturi kollha, ħlief għal:

[…]

d) għajnuna lill-attivitajiet relatati ma' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, l-aktar għajnuna marbuta direttament ma' kwantitajiet esportati, it-twaqqif u l-operazzjoni ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew nefqa oħra kurrenti marbuta ma' l-attività ta' l-esportazzjoni;

e) għajnuna li tiddependi mill-użu ta' prodotti domestiċi fuq dawk importati;

[…]"

13. L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1998/2006, intitolat "Għajnuna *de minimis*", jiddisponi:

"1. Miżuri ta' għajnuna għandhom jitqiesu li ma jilħqux il-kriterji ta' l-Artikolu [107(1) TFUE] u għandhom għalhekk ikunu eżenti mir-rekwiżit ta' notifika fl-Artikolu [108(3) TFUE] jekk dawn ikunu jilħqu l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 5 ta' dan l-Artikolu.

2. L-għajnuna totali de minimis mogħtija lil xi intrapriża waħda m'għandhiex taqbeż EUR 200 000 fuq kwalunkwe perijodu ta' tlett snin fiskali […] Dawn il-limiti għandhom japplikaw irrespettivament tal-forma ta' l-għajnuna de minimis jew l-għan meħud […]"

14. Il-premessa 4 tar-Regolament Nru 69/2001 tipprevedi li, "[f]id-dawl tal-Ftehim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ODK) dwar Sussidji u Miżuri ta' Countervailing, dan ir-Regolament m'għandux jeżenta l-għajnuna ta' l-esportazzjoni jew l-għajnuna li tiffavorixxi l-prodotti domestiċi fuq dawk importati."

### *B. Id-dritt konvenzjonali*

15. L-Artikolu 3(1)(a) tal-ftehim fuq is-sussidji u l-miżuri ta' kumpens anness mal-ftehim li jistabbilixxi l-OMK jipprevedi li "huma pprojbiti […] [is-]sussidji dipendenti, fil-liġi jew fil-fatt, kemm jekk waħedhom jew bħala waħda minn ħafna kondizzjonijiet oħra, fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni".

16. L-Anness I tal-ftehim fuq is-sussidji u l-miżuri ta' kumpens, anness mal-ftehim li jistabbilixxi l-OMK fih lista illustrattiva ta' sussidji fuq l-esportazzjoni.

### *C. Id-dritt Bulgaru*

17. Il-liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji[7], (iktar 'il quddiem, il-"liġi fiskali") tiddisponi, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2007:

"Artikolu 182 […]

2. […] Il-vantaġġ fiskali li tikkostitwixxi għajnuna *de minimis* ma japplikax:

[…]

7) fuq l-investiment fl-attiv irrelatat ma' attivitajiet marbuta mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew lejn Stati Membri. […]Artikolu 184 […] Il-persuni taxxabbli jibbenefikaw minn maħfra totali tat-taxxa fuq il-kumpanniji fuq id-dħul taxxabbli li jirriżulta mill-attività ta' produzzjoni mwettqa, inkluża l-produzzjoni taħt kuntratt, jekk il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin jiġu ssodisfatti:

1) Il-persuna taxxabbli teżerċita attività ta' produzzjoni biss fil-komuni li fihom fis-sena ta' qabel is-sena kurrenti, ir-rata tal-qgħad kienet mill-inqas 1.35 darbiet daqs ir-rata medja nazzjonali matul l-istess perijodu;

2) […] huma ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti:

   a) fl-Artikolu 188 [tal-liġi fiskali] fil-każ ta' għajnuna *de minimis*.

   […]

Artikolu 188 […]

1. […] Vantaġġ fiskali jikkostitwixxi għajnuna *de minimis* meta l-ammont ta' għajnuna *de minimis* li tirċievi l-persuna taxxabbli fil-kors tal-aħħar tliet snin, inkluża dik kurrenti, ikun xi jkunu l-forma u s-sors, ma teċċedix l-ekwivalenti f'[leva Bulgari (BGN)] ta' EUR 200 000 […]

2. Ir-riżorsi li jikkorrispondu għall-maħfra tat-taxxa msemmija fl-Artikolu 184 għandhom jiġu investiti f'assi tanġibbli jew intanġibbli konformement mal-leġiżlazzjoni dwar il-kontabbiltà f'terminu ta' erba' snin mill-bidu tas-sena li għaliha t-taxxa hija maħfura […]"

7 DV Nru 105, tat-22 ta' Diċembru 2006 kif emendat.

## III. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18. L-attività prinċipali tar-rikorrenti, kumpannija rreġistrata fil-Bulgarija, tikkonsisti fil-produzzjoni ta' tubi, ta' pajpijiet, ta' profili vojta minn ġewwa u ta' tagħmir irrelatat tal-azzar. Hija teżerċita, fil-fabbriki ta' manifattura tagħha, tliet attivitajiet ta' produzzjoni separati u teknikament awtonomi, jiġifieri, il-produzzjoni ta' pajpijiet u ta' tubi fformati u tondi, il-produzzjoni ta' profili fformati bil-kesħa u li jitgħawġu skont il-bżonn u mezzi ta' trażżin tal-azzar użati fit-toroq (guardrails), u l-galvanizzazzjoni bis-sħana kif ukoll il-kisi b'żingu elettrolitiku jew l-elettrogalvanizzazzjoni tal-elementi.

19. Fid-dikjarazzjoni fiskali tagħha għas-sena 2008, ir-rikorrenti indikat li xtaqet tibbenefika mill-maħfra tat-taxxa għall-kumpanniji prevista fl-Artikolu 184 tal-liġi fiskali għal ammont ta' BGN 140 677.51 [(madwar EUR 72 000)].

20. Permezz ta' avviż ta' evalwazzjoni tat-taxxa tal-5 ta' Marzu 2010, din il-maħfra ġiet irrifjutata minħabba l-fatt li r-rikorrenti ma kinitx tissodisfa r-rekwiżit previst fil-punt 7 tal-Artikolu 182(2) tal-liġi fiskali, sa fejn, matul il-perijodu sas-sena 2012, hija kienet wettqet xi investimenti fil-fabbriki ta' produzzjoni tagħha li l-prodotti tagħhom ġew esportati.

21. Skont il-qorti tar-rinviju "[l]-awtorità fiskali kkunsidrat li l-punt 7 tal-Artikolu 182(2) [tal-liġi fiskali] [kien] kategoriku u li r-[rikorrenti] ma setgħat fl-ebda każ tippretendi maħfra parzjali tat-taxxa fuq il-kumpanniji. Il-vantaġġ fiskali jipprevedi l-attività ta' produzzjoni mwettqa, inkluża l-produzzjoni taħt kuntratt, u l-kundizzjoni restrittiva hija marbuta mal-bejgħ sussegwenti tal-produzzjoni u mal-protezzjoni tal-kompetizzjoni fl-Unjoni. Peress li r-[rikorrenti] kienet wettqet, matul is-sena 2008, produzzjoni mibjugħa fil-Bulgarija, fl-Istati Membri tal-Unjoni u fl-Istati terzi, hija taqa' taħt il-kundizzjoni restrittiva prevista fil-punt 7 tal-Artikolu 182(2), [tal-liġi fiskali] u, konsegwentement, hija ma setgħatx tibbenefika mill-maħfra tat-taxxa għas-sena 2008. L-awtorità fiskali kkonstatat dejn abbażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji għas-sena 2008 ta' ammont ta' BGN 140 677.51 [(madwar EUR 72 000)] u l-interessi dovuti ta' ammont ta' BGN 21 454.22 [(madwar EUR 11 000)]".

22. Fil-21 ta' Mejju 2010, ir-rikorrenti ressqet azzjoni kontra d-deċiżjoni tal-awtorità amministrattiva quddiem l-Administrativen sad – grad Burgas (qorti amministrattiva ta' Bourgas, il-Bulgarija).

23. B'deċiżjoni tat-12 ta' Jannar 2011, l-Administrativen sad – grad Burgas (qorti amministrattiva ta' Bourgas) annullat l-avviż ta' evalwazzjoni tat-taxxa billi qieset li r-rifjut tal-maħfra tat-taxxa ma kienx iġġustifikat peress li l-attività awtonoma tal-elettrogalvanizzazzjoni tal-elementi li fiha r-rikorrenti ddikjarat li xtaqet twettaq xi investimenti meħtieġa ma tat lok għal ebda esportazzjoni u t-terminu ta' erba' snin li fih hija setgħet tinvesti l-ammonti korrispondenti għall-maħfra tat-taxxa kien għadu ma skadiex.

24. B'sentenza tas-27 ta' Diċembru 2011 mogħtija fuq appell u li saret definittiva, il-Varhoven administrativen sad (qorti amministrattiva suprema) annullat id-deċiżjoni tal-Administrativen sad – grad Burgas (qorti amministrattiva ta' Bourgas) u ċaħdet l-azzjoni tar-rikorrenti kontra l-avviż ta' evalwazzjoni tat-taxxa. Peress li kkonstatat li l-investimenti twettqu fil-fabbrika ta' "galvanizzazzjoni bis-sħana" li l-prodotti tagħha kienu ġew esportati, il-Varhoven administrativen sad (qorti amministrattiva suprema) iddeċidiet li l-kundizzjoni, imposta mill-punt 7 tal-Artikolu 182(2) tal-liġi fiskali, ta' investiment f'assi mingħajr rabta ma' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew lejn Stati Membri ma ġietx issodisfatta u li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-maħfra tat-taxxa kellha tiġi analizzata bħala għajnuna mill-Istat li għandha bħala effett id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq komuni tal-Unjoni.

25. Ir-rikorrenti ressqet, quddiem is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) talba għall-kundanna *in solidum* tal-konvenuti minħabba l-allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni li huma kienu wettqu, b'mod partikolari, il-ksur tar-Regolament Nru 1998/2006. Hija sostniet li għandha dritt għal kumpens ugwali għall-ammont tal-maħfra tat-taxxa li ġiet irrifjutata lilha, flimkien mal-interessi.

26. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Regoli li japplikaw id-dritt tal-Unjoni bħalma huma r-Regolament Nru 1998/2006 għandhom effett dirett u japplikaw immedjatament u, fl-affermattiv, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li timponi restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni legali tal-Unjoni tmur kontra dawn il-prinċipji?

2) Għajnuna mill-Istat mogħtija fil-forma ta' vantaġġ fiskali li tiġi investita fl-assi użati għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti li parti minnhom tiġi esportata lejn Stati terzi jew lejn Stati Membri hija kompatibbli mal-kompetizzjoni fis-suq komuni?

3) Il-fabbrikazzjoni, permezz ta' assi akkwistati b'fondi li joriġinaw minn għajnuna mill-Istat, ta' prodotti esportati hija attività marbuta direttament ma' kwantitajiet esportati fis-sens tal-Artikolu 1[(1)](d) tar-Regolament Nru 1998/2006? Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu, fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom, restrizzjonijiet supplimentari fir-rigward tal-esportaturi ta' prodotti ffabbrikati permezz ta' assi li jirriżultaw mill-investiment ta' vantaġġ fiskali? Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, x'inhija r-relazzjoni bejn din id-dispożizzjoni legali u l-Artikolu 35 TFUE, li jipprojbixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni bejn l-Istati Membri, u kwalunkwe miżura b'effett ekwivalenti, u jkun hemm diskriminazzjoni u ksur tal-moviment liberu tal-merkanzija?

4) L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1998/2006 jipprekludi li persuna ġuridika tiġi mċaħħda mir-rikonoxximent tad-dritt għal għajnuna finanzjarja de minimis li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, qabel l-iskadenza tat-terminu ta' erba' snin [previst fid-dritt] nazzjonali għall-implementazzjoni tal-investiment, u dan għar-raġuni biss li, matul l-istess perijodu, din il-persuna ġuridika investiet ukoll fondi fi strutturi awtonomi oħra tal-impriża tagħha li prodotti tagħha ġew esportati?"

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27. Ir-rikorrenti, il-konvenuti kollha, il-Gvern Bulgaru, dak Elleniku, dak Taljan u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom.

28. Fid-dawl tal-ambigwità tat-tielet sentenza tat-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet żewġt inizjattivi.

29. Fl-ewwel lok, hija għamlet id-domanda li ġejja lill-qorti tar-rinviju:

"Il-qorti tar-rinviju tista' tippreċiża d-dispożizzjoni legali li għaliha hija tirreferi fit-tielet sentenza tat-tielet domanda fejn hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rapport bejn din id-"dispożizzjoni legali" u l-Artikolu 35 TFUE?

Il-qorti tar-rinviju qed tistaqsi jekk l-Artikolu 35 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jostakola dispożizzjoni legali nazzjonali bħal dik prevista fil-punt 7 tal-Artikolu 182(2) tal-liġi [fiskali] jew qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-validità tal-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 [...] fid-dawl tal-Artikolu 35 TFUE?"

30. Fir-risposta tagħha tas-7 ta' Lulju 2017, il-qorti tar-rinviju indikat li:

"Il-kwistjoni sabiex isir magħruf jekk l-Istati Membri jistgħux jinqdew mill-possibbiltà li jipprevedu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, xi regoli li fihom restrizzjonijiet addizzjonali għall-esportaturi ta' prodotti mmanifatturati permezz ta' assi li jirriżultaw mill-investiment ta' vantaġġ fiskali. Fl-ewwel ipotezi, li tipprovdi li l-manifattura ta' prodotti esportati ma taqax taħt attività direttament marbuta mal-kwantitajiet esportati fis-sens tar-Regolament Nru 1998/2006, titqajjem id-domanda sabiex isir magħruf jekk il-leġiżazzjonijiet nazzjonali jistgħux jipprevedi xi restrizzjonijiet f'każijiet simili għal dawk previsti fil-punt 7 tal-Artikolu 182(2) [tal-liġi fiskali].

Madankollu, jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv, jiġifieri li l-manifattura permezz ta' assi akkwistati permezz ta' fondi li ġew minn għajnuna mill-Istat ta' prodotti esportati taqa' taħt attività direttament marbuta mal-kwantitajiet esportati fis-sens tar-Regolament Nru 1998/2006, il-kwistjoni li tqum hija dik dwar x'rabta hemm bejn, minn naħa, ir-restrizzjoni prevista fl-Artikolu 1 [(1)](d) tar-Regolament [Nru 1998/2006] u, min-naħa l-oħra, il-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantittativi fuq l-esportazzjoni bejn l-Istati Membri u ta' miżuri oħra b'effett ekwivalenti."

31. Fit-tieni lok, fit-13 ta' Settembru 2017, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 61(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja stiednet lill-partijiet u lill-partijiet interessati fis-sens tal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex iwieġbu matul is-seduta għas-sottomissjonijiet li seħħet fit-18 ta' Ottubru 2017 għall-mistoqsija li ġejja:

"L-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 [...] jikser l-Artikolu 35 TFUE?"

32. Ir-rikorrenti, il-Varhoven administrativen sad (qorti amministrattiva suprema), il-Gvern Bulgaru u l-Kummissjoni ressqu l-osservazzjonijiet orali tagħhom fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017.

## V. Analiżi

### *A. Osservazzjonijiet preliminari*

33. Fuq il-kwistjoni li hemm fit-tielet sentenza tat-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju li tikkonċerna l-konformità tal-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 mal-Artikolu 35 TFUE [8], għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi kif ukoll ta' miżuri ta' effett ekwivalenti, prevista fl-Artikoli 34 u 35 TFUE, ma tgħoddx biss għal miżuri nazzjonali, iżda wkoll għal miżuri li jirriżultaw mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni [9].

34. Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-moviment liberu tal-merkanzija u dawk li jikkonċernaw l-għajnuna li ssegwi għan komuni, li huwa dak li jiġi żgurat l-moviment liberu tal-merkanzija bejn Stati Membri taħt kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni [10], l-Artikoli 107 u 108 TFUE u r-Regolament Nru 1998/2006 ma jistgħu fl-ebda każ iservu sabiex ifixklu lir-regoli tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija [11].

8 Huwa fuq din il-kwistjoni, li hija s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet fil-mira, li l-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-parteċipanti sabiex jippronunzjaw ruħhom fis-seduta għas-sottomissjonijiet orali tat-18 ta' Ottubru 2017. Huma kollha, minħabba raġunijiet differenti, ippronunzjaw ruħhom favur il-kompatibbiltà tal-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 mal-Artikolu 35 TFUE.

9 Sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2015, Pfeifer & Langen (C-51/14, EU:C:2015:380, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tat-22 ta' Ġunju 2017, E.ON Biofor Sverige (C-549/15, EU:C:2017:490, punt 45).

10 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 1986, Il-Kummissjoni vs L-Italja (103/84, EU:C:1986:229, punt 19).

11 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 1986, Il-Kummissjoni vs L-Italja (103/84, EU:C:1986:229, punt 19) tal-20 ta' Marzu 1990, Du Pont de Nemours Italiana (C-21/88, EU:C:1990:121, punti 19 sa 22), u tat-23 ta' April 2002, Nygård (C-234/99, EU:C:2002:244, punt 57).

35. Konsegwentement, nikkunsidra li t-Trattat FUE ma stabbilixxiex ġerarkija bejn ir-regoli tiegħu fuq il-projbizzjoni tar-restrizzjonijiet kwantitattivi [12] u fuq l-għajnuna mogħtija mill-Istati [13]. Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni statali jew li ġejja mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandha tosserva kemm ir-regoli tat-Trattat FUE fuq il-projbizzjoni tar-restrizzjonijiet kwantitattivi u kif ukoll ir-regoli fuq l-għajnuna mogħtija mill-Istati [14].

36. Huwa evidenti li l-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 ma jimplementax direttament xi restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk din id-dispożizzjoni timplementax xi miżuri b'effett ekwivalenti għal tali restrizzjonijiet.

37. Il-kundizzjonijiet imposti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 35 TFUE jikkorrispondu għal dawk imposti mill-Artikolu 34 TFUE. Konsegwentement, kull leġiżlazzjoni nazzjonali jew li ħierġa mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li tista' tostakola, direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ fl-Unjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fis-sens tal-Artikoli 34 [15] u 35 TFUE.

38. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar (C-15/15, EU:C:2016:464, punti 36, 40 u 43), li miżura nazzjonali applikabbli għall-operaturi kollha li joperaw fit-territorju nazzjonali li fil-fatt taffettwa l-esportazzjoni tal-prodotti mis-suq tal-Istat Membru ta' esportazzjoni iktar mill-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti fis-suq nazzjonali tal-imsemmi Stat Membru, taqa' taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 35 TFUE.

39. Għandu jiġi nnotat li, fis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar (C-15/15, EU:C:2016:464), il-Qorti tal-Ġustizzja ma ċċitatx is-sentenza tagħha tat-8 ta' Novembru 1979, Groenveld (15/79, EU:C:1979:253), (iktar 'il quddiem il-"ġurisprudenza Groenveld ") fejn hija ddeċidiet li l-Artikolu 35 TFUE "jipprevedi miżuri li għandhom bħala għan jew effett li jirrestrinġu b'mod speċifiku t-tendenzi ta' esportazzjoni u li joħolqu, għaldaqstant, trattament differenti bejn il-kummerċ intern ta' Stat Membru u l-kummerċ ta' esportazzjoni tiegħu, b'mod li jiżguraw xi vantaġġ partikolari għas-settur tal-produzzjoni nazzjonali jew għas-suq intern tal-Istat ikkonċernat, għad-detriment tas-settur tal-produzzjoni jew tal-kummerċ ta' Stati Membri oħra" [16].

12 Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 34 sa 36 TFUE.

13 Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 107 u 108 TFUE.

14 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 1993, Matra vs Il-Kummissjoni (C-225/91, EU:C:1993:239, punti 41 u 42) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "għalkemm il-proċedura prevista fl-Artikoli [107 u 108 TFUE] tħalli setgħa diskrezzjonali lill-Kummissjoni, u, taħt ċerti kundizzjonijiet, lill-Kunsill sabiex jiddeċiedu fuq il-kompatibbiltà ta' sistema ta' għajnuna mill-Istat mar-rekwiżiti tas-suq komuni, mill-istruttura ġenerali tat-Trattat jirriżulta li din il-proċedura ma tista' qatt twassal għal riżultat li jkun kuntrarju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat [...]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-modalitajiet ta' għajnuna li tmur kontra d-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat, minbarra l-Artikoli [107 u 108 TFUE], tista' tkun f'dan il-punt tant intrinsikament marbuta mal-għan tal-għajnuna li ma jkunx possibbli li jiġu evalwati waħedhom [...]. *Dan l-obbligu, għall-Kummissjoni, li tirrispetta l-koerenza bejn l-Artikoli [107 u 108 TFUE] u dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat huma imposti b'mod iktar partikolari, fil-każ fejn id-dispożizzjonijiet l-oħra jipprevedu wkoll [...] l-għan ta' kompetizzjoni mhux distorta fis-suq komuni*". Enfasi miżjuda minni.

15 Ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2016, Etablissements Fr. Colruyt (C-221/15, EU:C:2016:704, punt 33), li tirrigwarda l-Artikolu 34 TFUE.

16 Sentenza tat-8 ta' Novembru 1979, Groenveld (15/79, EU:C:1979:253, punt 7).

40. Fl-opinjoni tiegħi[17], fis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar (C-15/15, EU:C:2016:464), il-Qorti tal-Ġustizzja abbandunat il-kundizzjonijiet iktar limitati jew iktar stretti imposti mill-ġurisprudenza Groenveld, ibbażati b'mod partikolari fuq l-eżistenza ta' differenza fit-trattament jew ta' diskriminazzjoni bejn il-kummerċ intern ta' Stat Membru u l-kummerċ ta' esportazzjoni tiegħu, u ssostitwixxiethom b'kundizzjonijiet iktar "flessibbli"[18] ibbażati fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni jew ta' ostakolu fil-kummerċ bejn l-Istati Membri[19].

41. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, kull restrizzjoni, *anki ta' importanza minima*, għal waħda mil-libertajiet fundamentali previsti mit-Trattat FUE hija pprojbita minnu[20]. Isegwi li, bil-kontra tar-regoli applikabbli għall-għajnuna mill-Istat abbażi tar-Regolament Nru 1998/2006[21], ma jeżistix limitu li taħtu leġiżlazzjoni Statali jew maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni hija meqjusa bħala li ma tissodisfax il-kriterji tal-Artikoli 34 u 35 TFUE. Min-naħa l-oħra, leġiżlazzjoni Statali, ma tistax titqies bħala li hija ta' natura li tostakola l-kummerċ bejn l-Istati Membri jekk l-effetti restrittivi kkawżati mill-imsemmija leġiżlazzjoni jkunu wisq inċidentali jew indiretti[22].

### *B. Applikazzjoni ratione loci tal-Artikolu 35 TFUE*

42. Hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 jipprevedi l-esportazzjonijiet lejn *pajjiżi terzi jew lejn Stati Membri*. Issa, l-Artikolu 35 TFUE li jipprojbixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni u l-miżuri ta' effett ekwivalenti ma japplikax biss għall-moviment tal-merkanzija bejn Stati Membri[23]. Bħala prinċipju, isegwi li, l-iskambji mal-pajjiżi terzi ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione loci* tal-Artikolu 35 TFUE. Konsegwentement, ser nillimita l-analiżi tiegħi f'dawn il-konklużjonijiet għall-parti interna tal-Artikolu 1(1)(d) ta' dan ir-regolament, jiġifieri għall-iskambji bejn l-Istati Membri.

17 Madankollu ninnota li l-Kummissjoni tqis fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li l-Artikolu 35 TFUE "japplika għall-miżuri diskriminatorji fir-rigward ta' ċerta merkanzija", u żiedet li dan il-prinċipju huwa stabbilit mill-ġurisprudenza Groenveld.

18 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Kakavetsos-Fragkopoulos (C-161/09, EU:C:2010:531, punt 49).

19 Fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Kakavetsos-Fragkopoulos (C-161/09, EU:C:2011:110, punt 27), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kull miżura ta' Stat Membru li tista' tostakola, direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ intra-Komunitarju, għandha tiġi kkunsidrata bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-prodott inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Kakavetsos-Fragkopoulos (C-161/09, EU:C:2011:110, punt 27), kien passolina li kien is-suġġett ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq kif previst mill-Artikolu 40 TFUE. Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar din il-kawża (C-161/09, EU:C:2010:531, punt 49), l-Avukat Ġenerali Mengozzi indika li "meta l-kawża tkun tinvolvi organizzazzjoni komuni tas-swieq, il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta tifsira iktar flessibbli tal-kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti biex jitqies li hemm miżura ta' effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni. F'dan il-każ, in-natura diskriminatorja tal-miżura ma tibqax meħtieġa". Nikkunsidra li, wara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar (C-15/15, EU:C:2016:464), ma hemmx distinzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 35 TFUE bejn il-prodotti li huma s-suġġett ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq hekk kif previst fl-Artikolu 40 TFUE u l-oħrajn.

20 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar (C-15/15, EU:C:2016:464, punt 37).

21 Ara l-premessa 1 tar-Regolament Nru 1998/2006.

22 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar (C-15/15, EU:C:2016:464, punt 45).

23 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-15 ta' Ġunju 1976, EMI Records (51/75, EU:C:1976:85, punti 10 u 11) u tad-9 ta' Frar 1982, Polydor u RSO Records (270/80, EU:C:1982:43, punt 18).

*C. Fuq l-eżistenza fl-Artikolu 1(1)(d), tar-Regolament Nru 1998/2006 ta' restrizzjoni li taqa' taħt l-Artikolu 35 TFUE*

43. Konformement mal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1998/2006, moqri fid-dawl tal-premessa 8 tiegħu, l-għajnuna li ma teċċedix limitu ta' EUR 200 000 fuq perijodu ta' tliet snin titqies li ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri u ma toħloqx distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, b'mod li tali miżuri huma esklużi mill-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" [24]. Għaldaqstant, huma eżenti mill-proċedura ta' notifika prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE [25].

44. Fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-310/99, EU:C:2002:143, punt 94), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "r-regola *de minimis* tirrifletti rekwiżiti ta' simplifikazzjoni amministrattiva kemm għall-Istati Membri kif ukoll għas-servizzi tal-Kummissjoni, li għandha tkun tista' tikkonċentra r-riżorsi tagħha fuq il-każijiet ta' importanza reali f'livell tal-Unjoni" [26].

45. Madankollu, konformement mal-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006, għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, għajnuna mill-Istat favur l-implementazzjoni u l-funzjonament ta' netwerk ta' distribuzzjoni u spejjeż oħra kurrenti marbuta mal-attività ta' esportazzjoni huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament u għaldaqstant mill-benefiċċju tal-eżenzjoni *de minimis* [27].

46. Isegwi li, anki kieku dawn it-tipi ta' għajnuna mill-Istat huma taħt il-limitu impost mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1998/2006, xorta ma humiex ikkunsidrati bħala li jissodisfaw il-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) TFUE u, konsegwentement, ma jibbenefikawx mill-eżenzjoni *de minimis* prevista minn dan ir-regolament u għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni konformement mal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE.

47. Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, nikkunsidra li l-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 jaffettwa l-ħruġ tal-prodotti mis-suq tal-Istat Membru ta' esportazzjoni iktar milli l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti fis-suq nazzjonali ta' dan l-Istat Membru [28]. Jekk huwa minnu li l-Artikolu 1(1)(d) ta' dan ir-regolament jirrigwarda biss lil ċerta għajnuna mill-Istat marbuta

24 Sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania (C-74/16, EU:C:2017:496, punt 82) u tat-8 ta' Mejju 2013, Libert *et* (C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, punt 81). Fir-rigward tar-regoli ta' kompetizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tat-23 ta' Novembru 2006, Asnef-Equifax u Administración del Estado (C-238/05, EU:C:2006:734, punt 50) li "akkordju madankollu jaħrab mill-projbizzjoni ta' l-Artikolu [101 TFUE] meta jaffetwa s-suq b'mod insinjifikanti biss".

25 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu ta' notifika minn qabel ta' kull miżura intiża sabiex tistabbilixxi jew temenda għajnuna ġdida li huwa impost fuq l-Istati Membri jikkostitwixxi wieħed mill-elementi fundamentali tas-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat. Ara s-sentenza tal-21 ta' Lulju 2016, Dilly's Wellnesshotel (C-493/14, EU:C:2016:577, punt 36). Konsegwentement, bħala temperament għar-regola ġenerali ta' notifika tal-għajnuna mill-Istat prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE, ir-Regolament Nru 1998/2006 u l-kundizzjonijiet previsti minnu għandhom jinftiehmu b'mod strett. Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2016, Dilly's Wellnesshotel (C-493/14, EU:C:2016:577, punt 37). Barra minn hekk, sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni inkwistjoni, sistema ta' għajnuna mill-Istat għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati minn dan ir-regolament. Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2016, Dilly's Wellnesshotel (C-493/14, EU:C:2016:577, punti 45 sa 52).

26 Ara, ukoll, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Settembru 2011, Regione autonoma della Sardegna *et* vs Il-Kummissjoni, (T-394/08, T-408/08, T-453/08 u T-454/08, EU:T:2011:493, punt 304).

27 Nirrileva li r-rifjut tal-benefiċċju tal-eżenzjoni ma jipprevedix l-attivitajiet ta' esportazzjoni kollha. Fil-fatt, il-Kummissjoni tinnota fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li "hija kwistjoni ta' għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, hekk kif iddefinit fl-Artikolu 1[(1)(d)] tar-Regolament *de minimis*, meta l-miżuri jingħataw mill-Istat taħt il-forma ta' programmi intiżi sabiex jgħinu lill-impriżi sabiex jikkombattu fis-swieq barranin sabiex joffru hemm il-prodotti tagħhom. L-għajnuna hija kkundizzjonata mill-kwantitajiet esportati u l-impriża tibbaża ruħha fuqha sabiex issostni l-istrateġija ta' esportazzjoni tagħha. Għaldaqstant, l-għajnuna twassal għal żieda progressiva fil-produzzjoni li tista' tiġi esportata, u huwa preċiżament għal dan il-għan li l-gvern għandu l-intenzjoni li jagħtiha". Hija żżid li "l-manifattura tal-prodotti esportati li għaliha jintużaw assi akkwistati permezz ta' għajnuna mill-Istat ma tikkostitwixxix attività marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati fis-sens tal-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament *de minimis*". F'dan ir-rigward, il-Gvern Elleniku jirrileva li "s-sempliċi fatt li għajnuna [tingħata] lil kumpannija esportatriċi ma huwiex suffiċjenti sabiex din l-għajnuna tiġi kklassifikata bħala għajnuna għall-esportazzjoni". Nirrimarka li dawn id-distinzjonijiet sottili ma huma xejn konformi mal-għan ta' semplifikazzjoni tar-regola *de minimis*.

28 Ara l-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

mal-esportazzjoni, nikkunsidra li l-effetti ta' din id-dispożizzjoni ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala inċidentali jew indiretti peress li teskludi l-applikazzjoni tal-eżenzjoni *de minimis* għall-għajnuna inkwistjoni. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni toħloq diskriminazzjoni bejn l-attivitajiet ekonomiċi skont jekk humiex diretti jew le lejn l-esportazzjoni [29].

### *D. Fuq l-eżistenza ta' ġustifikazzjoni*

48. Madankollu, l-Artikoli 34 u 35 TFUE ma jipprekludux diskriminazzjonijiet jew restrizzjonijiet li jkunu ġġustifikati minn waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE jew minn rekwiżiti imperattivi [30].

49. Skont ġurisprudenza stabbilita sew, leġiżlazzjoni nazzjonali jew li tinħareġ minn istituzzjoni tal-Unjoni li tirrestrinġi l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti tista' tiġi ammessa biss kemm-il darba din tkun tfittex għan ta' interess ġenerali [31], tkun xierqa sabiex tiggarantixxi r-realizzazzjoni tiegħu u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaq dan l-għan [32].

50. Nikkunsidra li l-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 huwa diskriminatorju *de jure* sa fejn jipprevedi speċifikament ċerti esportazzjonijiet. Konsegwentement, dan it-trattament diskriminatorju tal-esportazzjonijiet għandu jiġi ġġustifikat minn waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE [33], jiġifieri, raġunijiet ta' moralità pubblika, ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika, ta' protezzjoni ta' saħħet u ħajjet il-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, il-protezzjoni ta' wirt nazzjonali li għandu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku u l-protezzjoni ta' proprjetà industrijali jew kummerċjali.

51. Skont il-Kummissjoni, "[l]-esklużjoni tal-għajnuna għall-esportazzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament [1998/2006] tirriżulta, minn naħa, mill-impenji meħuda mill-Unjoni fir-rigward tal-[OMK] u, min-naħa l-oħra, mill-fatt li l-għajnuna għall-esportazzjoni, li tiffaċilita l-penetrazzjoni fis-suq għal finijiet kummerċjali, taffettwa manifestament l-iskambji bejn l-Istati Membri [34]. Minn dan isegwi li l-loġika tar-regolament (li skontha wieħed jista' jikkunsidra li l-kriterji ta' eżistenza ta' għajnuna mill-Istat ma ġew issodisfatti) ma hijiex applikabbli" [35].

52. Fir-rigward tal-ewwel għan tal-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 invokat mill-Kummissjoni, jiġifieri l-esklużjoni mill-eżenzjoni *de minimis* tal-għajnuna għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi sabiex jiġu rrispettati l-impenji meħuda mill-Unjoni fir-rigward tal-OMK, nikkunsidra li ma huwiex rilevanti fil-kawża preżenti peress li l-Artikolu 35 TFUE ma huwiex applikabbli *ratione loci* għal dawn l-esportazzjonijiet [36]. Konsegwentement, din l-esklużjoni tal-għajnuna għall-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi prevista fl-Artikolu 1(1)(d) ta' dan ir-regolament ma tistax tiġi kkritikata fid-dawl tal-Artikolu 35 TFUE.

29 Verament ma narax ir-raġuni għaliex għandu jingħata l-benefiċċju tal-eżenzjoni *de minimis* prevista mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1998/2006 għall-implementazzjoni u l-funzjonament ta' netwerk ta' distribuzzjoni fuq livell nazzjonali u jiġi rrifjutat għall-implementazzjoni ta' netwerk tal-istess tip għall-esportazzjoni.

30 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2017, E.ON Biofor Sverige (C-549/15, EU:C:2017:490, punt 46).

31 Previst mill-Artikolu 36 TFUE jew mir-rekwiżiti imperattivi.

32 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar (C-15/15, EU:C:2016:464, punt 48).

33 Fil-fatt, huma biss ir-restrizzjonijiet applikabbli b'mod indistint li jistgħu jiġu ġġustifikati minn waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE *kif ukoll mir-rekwiżiti imperattivi*. Ara, *a contrario*, is-sentenza tas-26 ta' April 2012, van Putten (C-578/10 sa C-580/10, EU:C:2012:246, punt 44), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li differenza fit-trattament setgħet tkun iġġustifikata minn rekwiżit imperattiv.

34 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

35 Ninnota li għajnuna għall-istabbiliment ta' netwerk ta' distribuzzjoni purament nazzjonali tista' wkoll taffettwa l-iskambji bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari, billi tirrendi iktar diffiċli l-aċċess għall-impriżi barranin għal dan is-suq nazzjonali. Barra minn hekk, kif jista' jiġi immaġinat li l-attivitajiet ta' esportazzjoni mhux previsti għall-esklużjoni mill-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 ma jaffettwawx il-kummerċ interstatali? Fl-aħħar, ma għandux jintesa li r-regola *de minimis* tawtorizza fir-realtà xi miżuri li, għalkemm jaqbżu l-ammonti li hija tipprevedi, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha sabiex jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat, u f'dawn inkluż l-effett fuq il-kummerċ interstatali.

36 Ara l-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

53. Fir-rigward tat-tieni għan tal-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 [37] invokat mill-Kummissjoni, nikkunsidra li, anki kieku possibbilment jikkostitwixxi għan leġittimu, dan ma huwiex previst minn ebda waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE. Konsegwentement, dan l-għan ma huwiex ta' natura li jiġġustifika diskriminazzjoni pprojbita mill-Artikolu 35 TFUE. Barra minn hekk, ma nista' nara ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet li tista' tiġġustifika d-differenza fit-trattament inkwistjoni.

54. Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, nikkunsidra li l-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006, li jaffettwa iktar il-ħruġ tal-prodotti mis-suq tal-Istat Membru ta' esportazzjoni milli l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti fis-suq nazzjonali tal-imsemmi Stat Membru, ma huwiex iġġustifikat minn waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE.

55. Konsegwentement, hemm lok li għat-tielet sentenza tat-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tingħata risposta fis-sens li l-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1998/2006 ma huwiex validu sa fejn jistabbilixxi fi ħdan id-dispożittiv *de minimis* differenza fit-trattament bejn l-attivitajiet ekonomiċi purament nazzjonali u dawk intiżi għall-esportazzjoni lejn l-Istati Membri.

## VI. Konklużjoni

56. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għat-tielet sentenza tat-tielet domanda magħmula mis-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija, il-Bulgarija) kif ġej:

L-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006, tal-15 ta' Diċembru 2006, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna *de minimis* huwa invalidu sa fejn jistabbilixxi fi ħdan id-dispożittiv *de minimis* differenza fit-trattament bejn l-attivitajiet ekonomiċi purament nazzjonali u dawk intiżi għall-esportazzjoni lejn l-Istati Membri.

37 Ara l-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet.